**FRIEGĦI TA' SIĠRA ĦAJJA**

Konklużjoni minn Dr Edward Warrington

**Aħna friegħi ta' Siġra Ħajja**




Din kienet it-tema li ġabitna hawnhekk u bħala simbolu ta' dan għandna din il-bonsaj li min jaf kemm għandha snin u wkoll hawn dan il-qafas tal-Knisja li jirrappreżenta wkoll, anzi għandu stampat fuqu – il-grazzji; it-tamiet; l-ansjetajiet li aħna nġarrbu bħala Knisja, wieħed wieħed, waħda waħda.

Aħna wkoll pellegrini, mexjin lejn id-dar tal-Missier, wieħed wieħed, waħda waħda, għaqda għaqda, mexjin bħala Knisja biex ngħinu u nsaħħu lil xulxin sakemm naslu fid-dar mħejjija għalina.

Waqt mixja, ikun hemm ħafna affarijiet li jaqtgħulek qalbek. Daqqa għax jisolħok iż-żarbun, daqqa għax hemm it-tlajja', daqqa għax il-mogħdija tgħaddi fl-imgħawweġ, minn xi kanċell li ma tistax taqbżu, daqqa għax għamlet ix-xita jew inkella jkun hemm is-silġ, u sakemm tasal

fl-aħħar fid-destinazzjoni tiegħek jew imqar f'post fejn tista' tistrieħ, kemm-il darba taqta' qalbek.

Hekk ukoll, jekk inħarsu 'l barra minn din il-laqgħa, jekk nisimgħu l-aħbarijiet, jekk nisimgħu dak li jingħad fuq il-Knisja, insibu ħafna affarijiet li jaqtgħulna qalbna. Kultant il-Knisja tidher li hi siġra marida, inkella kważi kważi li qiegħda tmut. Imma jekk naqraw is-sinjali taż-żminijiet, fid-dawl ta' dak li nemmnu, fid-dawl tal-wegħdiet li għamel Ġesù li jkun magħna għal dejjem, insibu xbieha oħra li tgħinna nifhmu aħjar dak li qiegħda ġġarrab is-siġra.

Ġimgħa ilu bdiet il-ħarifa; f'Malta ma tantx tagħmel differenza meta jkun hemm il-ħarifa, ħlief forsi f'Novembru, imma kieku kellna mmorru l-Italja, 'il fuq, il-ħarifa hi, għall-inqas f'għajnejja, l-isbaħ staġun fost l-erbgħa tas-sena. Żgur li kollha kemm intom xi darba kontu msifrin fil-ħarifa u rajtu s-siġar ibiddlu l-lewn tal-weraq, imbagħad, bil-mod il-mod, jibda l-weraq, ma' xi buffura riħ jew maltempata, jinża'. Il-ħarifa hi l-istaġun li fih jintemm il-ħsad tal-frott. L-aħħar ħsad tas-sena hu l-ħsad taż-żebbuġ.

Jibdew jaqgħu l-weraq. Dawn mhumiex sinjali ta' mewt, imma huma sinjali li s-siġra qiegħda tlesti ruħha kemm għall-qilla tax-xitwa – il-kriżijiet li jistgħu jiġu fuqha, il-maltemp, il-kesħa – u wkoll għal ħajja mġedda.

Wara x-xitwa tasal ir-rebbiegħa, ħajja mġedda.

Huma u jaqgħu l-weraq, waqt il-ħarifa, jagħtu l-vitamini lill-għeruq; l-għeruq jibdew jiġbdu is-sustanzi mill-ħamrija biex hekk kif ix-xemx tissokta tisħon, jibdew imexxu l-ħajja 'l fuq lejn il-friegħi. Dak iż-żmien meta l-weraq jibda jibdel il-kulur u mbagħad is-siġra tinża' l-weraq, is-sbuħija tas-siġra l-iktar li jkollu qawwa. Minn banda hemm ċertu pathos, niket – il-weraq qed imut, u s-siġra qiegħda tinża'. Mill-banda l-oħra dak il-weraq, speċjalment f'bosk jew f'foresta, dak il-weraq iħammar ikellimna dwar il-glorja ta' Alla.

Fil-qosor, il-ħarifa xejn ma tista' titqies staġun ta' mewt.

Fil-ħarifa, l-għeruq tas-siġra jsiru ħafna aktar importanti. Huma l-garanzija tat-tiġdid tal-ħajja. Waqt li kont qed indur il-gruppi, smajtkom tagħmlu ħafna referenzi għall-għeruq. U r-referenzi kollha kienu għall-għeruq fil-Kelma ta' Alla. L-Ispigolatriċi, ngħidu aħna, isibu l-ispirazzjoni fl-istorja ta' Ruth. Hi l-Kelma ta' Alla li tiggarantixxi l-fidi tal-Knisja. Aħna lkoll – l-għaqdiet kollha – nagħtu sehemna fit-tixrid tal-fidi u l-bini tas-Saltna ta' Alla, imma fl-aħħar mill-aħħar għandna fiduċja sħiħa li l-Providenza ta' Alla tasal fejn l-isforzi tagħna ma jaslux.

Jekk inħarsu lejn in-nies miġburin f'din is-sala, naraw li bosta minna qegħdin jikbru fl-età, fosthom jiena; imma hawn wkoll iż-żgħażagħ. Nisimgħu ħafna fuq l-ansjetajiet – forsi hemm xi gruppi li jħossu li qegħdin jixjieħu; hemm oħrajn li ma jħossux li jilħqu biżżejjed nies jew li jagħmlu biżżejjed biex iwasslu l-Kelma ta' Alla. Hemm min jibża' mit-theddid mis-soċjetà. Hemm min jgħid li s-soċjetà li tħobb tqaċċat is-siġar, u forsi fis-subkonxju nimmaġinaw li xi darba se tispiċċa s-siġra li hi l-Knisja. Meta jkun ser jaħkimna dan il-ħsieb, bid-dieqa li jġib

miegħu, ejja niftakru li l-ħarifa hi staġun ta' ferħ u ta' tama; għalhekk, il-Knisja kollha kemm hi, u l-għaqdiet tagħna, naqsmu flimkien dan il-ferħ u din it-tama.

Għalhekk ħa nerġgħu nduru lejn din ix-xbieha tant sabiħa – Siġra Ħajja.



**X'jolqtok fis-siġra?**

- L-ewwel, li hi SIEKTA, li tagħti x-xhieda mingħajr wisq ħsejjes. Forsi wieħed mid-doni li Alla jgħaddi lill-Knisja f'Malta permezz tal-għaqdiet tagħna hi din id-dimensjoni KONTEMPLATTIVA, bit-talb tagħna, bil-formazzjoni tagħna ... bil-preżenza siekta tagħna fis-soċjetà, aħna nġeddu s-soċjetà u nbierku l-Knisja - inwasslu l-Bxara t-Tajba.

- It-tieni; x'jolqotna aktar fis-siġra? Il-KUMPLESSITÀ tagħha. Hemm tant friegħi, hemm tant weraq, l-għeruq mifruxin taħt l-art, qrib l-għajn tal-ħajja. Kull parti mis-siġra, kull werqa, fergħa, għerq, kull frotta, hi distinta, unika. Imma hi proprju din id-diversità ta' elementi magħqudin ħaġa waħda li tagħti u ġġedded il-ħajja tas-siġra.

- It-tielet ħaġa: Is-siġra tagħti d-DELL. Għalhekk fl-imgħoddi fit-toroq kienu jitħawlu s-siġar, u fl-istorja tal-Imperu Ingliż, waħda mir-regoli meta kienu jfasslu t-toroq

kienet li jkun hemm 'shade trees', kif kienu jsejħulhom, speċjalment f'pajjiżi sħan. Ħafna nies isibu l-KENN fid-dell li jagħtu l-għaqdiet tagħna. Min jiġi għall-għajnuna, min jiġi għall-kumpanija, min jiġi biex jitlob magħna, min jiġi għal għajnuna materjali. Importanti ħafna li nagħrfu din il-funzjoni li għandna, kollha kemm aħna skont il-kariżmi differenti tagħna.

- U l-aħħar ħaġa, u l-aktar ħaġa importanti: Kull pjanta u speċjalment is-siġar, jagħtu l-OSSIĠNU. Is-siġra tagħti l-ħajja, mhux tant mill-frott tagħha – għalkemm dak hu importanti wkoll – imma fuq kollox, sakemm iddum ħajja, s-siġra tagħti l-ossiġnu li bih il-bniedem u l-ħlejqa l-oħra jgħixu. X'inhu l-ossiġnu li l-għaqda tiegħi tagħti lid-dinja ta' madwarha? U hawnhekk nerġgħu nduru lejn il-kariżmi – dawk ir-rigali li Alla jagħti lilna u lill-għaqdiet tagħna, biex bl-istess gratwità li juri magħna Alla, kif semma Mons. Galea Curmi, ngħadduhom lil ħaddieħor, bħala rigal aktar milli bħala servizz.

Qabel ma nagħlqu nistedinnkom tagħmlu żewġ minuti oħra fis-skiet u se nagħmlilkom żewġ mistoqsijiet:

1. X'inhi l-aktar ħaġa li smajt illum li laqtitni u li forsi bidlitli dak li kont naħseb dwar l-għaqda tiegħi jew dwar il-Knisja?

Għal din il-ħaġa nirringrazzja lil Alla f'qalbi.

2. Meta l-pellegrini jieqfu xi mkien jistrieħu, ħafna drabi jnaqqxu isimhom u d-data fuq xi ġebla jew xi biċċa njama. Aħna se nħallu warajna dawn il-kelmiet, miktubin fuq l-injam li jirrappreżenta l-friegħi ta' siġra ħajja. Il-pellgrini ukoll *jieħdu* xi ħaġa lura, u aħna se nagħtukom żewġ souvenirs. Waħda hi fergħa minn żewġ siġriet taż-żebbuġ bħala simbolu tal-għaqda bejnietna. Hawnhekk għandna d-diversità, dawn il-friegħi huma s-simbolu tal-għaqda. Is-souvenir l-ieħor tridu tagħżluh intom.

Għalhekk, mill-ġdid fis-skiet, aħsbu f'xi ħaġa, xi kelma li smajt illum, xi ħadd li ltqajtu miegħu l-ewwel darba, xi ħaġa li tgħallimtu, li se teħduha lura magħkom id-dar jew fl-għaqda jew il-moviment tagħkom.